Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1158/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta Estera ta' The Performing Rigt Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Joseph Galea**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm52.22) kwantu ghal Lm44.25 Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Ottubru 2003 sal-5 ta' Ottubru 2004 in konnessjoni mal-licenzja Nru 012072 (Dok A) rilaxxjata ms-socjeta attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti id-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Jake's", San Giljan u sebgha liri Maltin u


Qrati tal-Gustizzja

sebgha u disghin centezmu (Lm7.97) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-Socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Dicembru, 2003, kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm52.22) bl-mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------